**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**GN 292/39, Regolament 4 tar-Regoli ta' 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi GN 292/39 kif sussegwentement emendati bil-Kapitolu 101, l- Artikoli 8(a), 22 (1A), 22 (1B) u 22 (1F) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li llum saret 40(A)) u 89 (A) (li illum saret 120 (A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsm maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 289/2001***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**JOSEPH CAMILLERI**
**(ID: 434884M)**

**Illum, 6 ta' Ottubru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' numru 434884(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar is-7 ta'

Mejju 2001, u l-erba' (4) xhur ta' qabel, goz-Zurrieq, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni ghall-uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mil-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G..N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll

intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) ukoll talli fl-istess lok zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonjiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

d) ukoll talli biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

e) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li illum saret 40(A)) u 89 (A) (li illum saret 120 (A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

f) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(i) tal-Aviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li illum saret 40(A)) u 89(A) (li illum saret 120(A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

g) u akkuzat ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perietru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta l-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

h) ukoll talli assocja ruhu ma xi persuna/i ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijet tal-ordinanza dwar medicina perikoluza Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ipromwova jew ikkostitwa, organizza jew iffinanzja l-assoccjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) (F) 22(1A) u 22 (1B) tal-ordinanza dwar medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali datat 9 ta' Mejju 2001 esebiti a fol. 10 u 11 ta' l-atti sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur ta' l-artikolu22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet a' Malta u l-artikolu 120A (2) tal-Laptiolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, stqarrija ta' l-imputat datata 9 ta' Mejju 2001 esebita a fol. 12 et seq, estratt mill-att tat-twelid ta' l-imputat esebit a fol. 17 u l-fedina penali tieghu esebita a fol. 18 et seq tal-process u fiat iehor mahrug mill-Avukat Generali fil-15 ta' Mejju 2001 wara li l-Prosekuzzjoni kienet ghamlet korrezzjoni fl-akkuza fl-istess jum (fols. 16 u 21).

Rat il-kontro-ordni mahrug mill-Avukat Genrali nhar l-20 ta' Settembru 2013 sabiex l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita.

Illi nhar it-28 ta' Mejju, 2001 xehed l-**Ispettur Josric Mifsud** u spjega li nhar is-7 ta' Mejju ta' dik is-sena wara diversi granet ta' osservazzjonijiet ghamlu *search* fir-residenza ta' Joseph Camilleri li gharaf bhala l-imputat prezenti l-Qorti u waqt din is-*search* nstabu xi affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga. Barra minn hemm instabu wkoll xi sustanzi suspettati bhala droga. Waqt din is-*search* gew misjubin zewg persuni ohra f'din l-istess residenza z-Zurrieq fejn saru iktar investigazzjonijiet fuq dawn iz-zewg persuni u li ukoll kellhom jitresqu quddiem din il-Qorti.

Irrizulta mill-oggetti li sabu fil-post ta' l-imputat illi l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga. L-oggetti li huma sabu fir-residenza tal-imputat kienu jikkonsistu fi flixkun tal-*plastic* b'pipa mdahhla fil-genb b'xi ilma fil-qiegh u *foil* fuq bit-toqob suspettat *water bone*. Kien hemm ukoll karti tar-raza tar-rizla li jintuzaw biex ipejpu l-ismoke. Barra minnhekk kienu nstabu wkoll bicca *smoke* jigifieri cannabis. Barra d-droga li nstabet gewwa l-kamra fejn kien hemm l-imputat flimkien maz-zewg persuni l-ohra instabet ukoll raza tal-Cannabis gewwa l-kcina li kienet qeghda gol-*cupboards*. Instab ukoll mizien b'xi trab abjad suspettat kokaina fil-kamra principali. Instabet ir-raza tal-Cannabis fil-kamra principali fejn saret l-ewwel *search*.

Barra minnhekk waqt it-tfittxija giet innutata borza bil-karbonat li kienet qieghda fuq il-mejda principali li kienet gol-kamra kif ezatt tidhol mill-bieb u kif ezatt dahlu l-pulizija biex jaghmlu s-*search* gie innutat Joseph Camilleri jigbor borza zghira minn fuq il-mejda jitfaghha minn gol-gallarija ghal barra fejn giet elevata mill-pulizija li kien hemm isfel barra li hija suspettata bhala kokaina.

Huwa spjega li kien hemm varji tipi ta' droga differenti. Kien hemm kokaina kif ukoll raza tal-Cannabis. Huwa spjega li kien hemm iktar minn droga wahda gol-kamra li jista' jindika li kien hemm uzu ta' iktar minn tip ta' droga wahda. Spjega li l-osservazzjoni li huma ghamlu fuq l-imputat kienet tikkoncerna kwistjoni ta' granet. Ghamlu *search* in kwistjoni minhabba l-osservazzjonijiet li kienu qeghdin izommu bhala konsegwenza taghhom.

Iddecieda li jaghmel dak is-*search* wara li gie nnutat li f'dawk il-jiem kien hemm attivita' varja go din ir-residenza. Gie nnotat ukoll persuna wahda diehla gor-residenza. Hemm hekk dakinhar tas-search sabu b'kollox erbgha persuni. Kien hemm il-mara tas-Sur Camilleri, l-imputat, dak ir-ragel li raw diehel u kien hemm persuna ohra li kienet qieghda gol-kamra principali li kienet ilha li dahlet. Din it-tieni persuna kienu ilhom li rawha pero' l-iskwadra tieghu kienet osservat li din it-tieni persuna diehla. Robert Grixti hija l-ewwel persuna li dahlet waqt li t-tieni persuna hija Elton Brincat. Spjega li meta Elton Brincat dahal fil-post tal-imputat kellu xi haga f'idejh. Huwa ma rahx pero jaf li kellu xi haga f'idejh peress li qalulu hekk il-pulizija li kienu qeghdin josservaw.

Huwa spjega li minn investigazzjonijiet li saru kien oggett li gie nnutat pero' spjega li huwa personalment ma rahx tieghla bih. Il-kuntistabbli li rah tieghla spjega li Brincat telgha b'mod u x'hin gie misjub kien gie misjub b'mod differenti. Spjega li l-pulizija raw dan il-pakkett tieghla b'mod u meta eventwalment gew a konoxjenza tieghu sabu li kien pakkett differenti. Dan il-pakkett li kellu f'idejh Elton Brincat huwa u diehel u li nstab f'sitwazzjoni differenti kien fih raza tal-Cannabis. Il-piz ta' dan il-pakkett pero' hu ma jafx.

Spjega li waqt li huma kienu qed jaghmlu din is-*search* f'din ir-residenza dahlet telefonata fl-ghassa taz-Zurrieq fejn persuna resident fil-vicin qalet illi waqt li huma dahlu fir-residenza tal-imputat, semghet hoss kbir gol-bitha taghha u x'hin

marru biex jezaminaw dan il-hoss skoprew li kien ammont kbir ta' pilloli suspettati li kienu allegat droga ecstacy. Wara dawn gew elevati. Is-scene of the crime officer mar f'dan il-post ukoll naturalment hadu distanzi relattivi minn din il-bitha ghall-fond in kwistjoni.

Illi nhar it-8 ta' Gunju, 2001 xehdet **Maruska Baldacchino** li esebit process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi maghluq fil-15 ta' Mejju 2001 liema dokument gie mmarkat bhala dokument CSH. Esebit process verbal iehor mmarkat bhala dokument CSH2 li huwa process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna maghluq fit-23 ta' Mejju 2001.

Illi nhar it-8 ta' Gunju, 2001 xehed **PC23 Stefan Calleja** u spjega li jiftakar li fis-7 ta' Mejju 2001 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar fuq struzzjoni tal-Ispettur Josric Mifsud marru jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' Joseph Camilleri li gharaf prezenti fl-Awla gewwa r-residenza li huwa ghandu maghruf bhala 'Binja Nigret', Flat 2, Entrance B, Zurrieq. Huwa qaghad barra vicin karozza tal-ghamla Subaru u fiha kien hemm certu persuna bl-isem Pierre. Huwa kellu struzzjoni sabiex joqghod mieghu.

Waqt li kien barra mieghu ra xi haga titwaddab minn gallarija ghal nofs it-triq. Huwa mar biex jara x'inhi. Kienet borza go borza b'sustanza ta' trab kannella go fiha. Qaghad maghha fit-triq biex ma tigix mghaffga bil-karozzi u t-trab, is-sustanza kienet kulur abjad. Il-borza kienet trasparenti. Beda jghajjat lill-pulizija li kien hemm gewwa fil-flat inkwistjoni. Dan waddablu l-ingwanti, gabarha u zammha sakemm mar l-Ispettur u ghaddieha lilu. Gewwa l-appartament dahlu PS Monreal, PC12 u pulizija iehor li n-numru tieghu ma jafux.

Illi nhar it-8 ta' Gunju, 2001 xehed **PS368 Stephen Monreal** u spjega li fis-7 ta' Mejju 2001 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar fuq struzzjoni tal-Ispettur

Josric Mifsud marru jaghmlu ftittxija fir-residenza ta' l-imputat liema residenza tinsab 'Binja Nigret', Flat 2, Entrance B, Zurrieq. Mieghu kien hemm PC1, PC23, PC451 u WPC12. F'xi hin dahlu dawn l-ufficjali li ghadu kif semma' sar raid u t-tfittxija saret minnu, PC1 u PC451.

Fl-appartament kien hemm l-imputat prezenti kif ukoll il-mara tieghu u xi nies ohrajn, tnejn min-nies ohra. Fis-salott sabu affarijiet relatati mat-tehid tad-droga li jidhru fuq il-mejda tas-salott, ezempju flixkun tal-ilma mtaqqab mahsub bhala pipa, xi libretti, xi roaches, xi bicarbonate u l-oggetti gew kollha elevati. Sabu zewg blokok tas-sapun maghrufa bhala resin, f'pakkett tas-sigaretti Rothmans blue sabu bicca resin zghira ohra. Fil-kcina sabu bictejn ohra zghar.

PC23 qaghad barra u dak qaghad hemm apposta sabiex jekk tintrema xi haga jinduna biha. Filfatt hin minnhom ghajtilhom u qalilhom li xi haga ntremiet il-barra u l-borza kellha trab abjad go fiha. F'hin minnhom cemplulhom mill-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq u qalulhom li kien hemm ragel li mar jaghmel rapport li fil-bitha tieghu waqghet borza li kellha kwantita' kbira ta' pilloli. Ovvjament marru ghandu. Dawn il-pilloli kienu zghar u kellhom fuqhom timbru b'wicc ta' Mickey Mouse u elevawhom ukoll.

Il-bieb ta' barra ma nfetahx minnufih u filfatt kellhom jisfurzaw il-bieb u meta gie sgassat il-bieb, innota li l-imputat mar jigri fil-kuritur, filfatt issuspettaw li kien se jaqbad xi haga jew jarmi xi haga. Mar warajh, il-kuritur in kwistjoni qieghed forma ta' U u ghalhekk kull darba speci jitilfu. Xi hin gew wicc ma' wicc u kellu jdejh vojta. Dahal fil-kcina, ta daqqa t'ghajn dak il-hin peress li kienu ftit sekondi u skopra illi t-tieqa inkwistjoni kienet miftuha. Dak il-hin huwa ttawwal fil-bitha mit-tieqa pero' ma kien jidher xejn. Il-bitha inkwistjoni hija proprjeta' ta' terzi. Spjega illi l-borza in kwistjoni nstabet go bitha li tinsab zewg btiehi l-boghod mit-tieqa tal-appartament in kwistjoni. Kienet bejn ir-residenza

tal-imputat. Il-bitha inkwistjoni fejn instabu dawn il-pilloli hemm bitha bejniethom proprjeta' ta' terzi. Huwa ma kienx barra l-appartament in kwistjoni u ghalhekk m'ghamel l-ebda osservazzjoni. Huwa personali fl-ebda hin ma ra lill-imputat iwaddab xi haga. Esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva liema dokument gie esebit u mmarkat bhala dokument SM.

Illi nhar is-17 ta' Lulju, 2001 xehdet **WPC12 Andrea Grech** u spjegat li fis-7 ta' Mejju ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Josric Mifsud marret taghmel *search* fir-residenza ta' Joseph Camilleri li gharfet prezenti fl-Awla bhala l-imputat u cioe' fir-residenza Blk A, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq u meta waslu fuq il-post raw li kien hemm karozza barra u fil-karozza kien hemm guvni li twaqqaf u mieghu qaghad PC23 u sadanittant hija qaghdet fuq barra faccata tal-gallarija waqt li shabha u l-kollegi l-ohra dahlu gewwa u dahlu fir-residenza tal-imputat.

Huma u jhabbtu hareg Elton Brincat flimkien ma' Susan Camilleri. Spjegat li filfatt Susan Camilleri hija l-persuna bjonda li kienet tinsab fuq il-parti ta' wara tal-Qorti waqt li Elton Brincat tafu pero' dakinhar ma ratux il-Qorti. Wara regghu dahlu. Hija sa dan it-tant dahlet fit-tarag, shabha kienu diga' dahlu fil-fond u fil-post kien hemm Joseph Camilleri l-imputat li gharfet prezenti fl-Awla, Elton Brincat, Robert Grixti, Susan Camilleri u bint Susan Camilleri u Joseph Camilleri.

Waqt it-tfittxija li ghamlu fir-residenza sabu zewg sapuniet allegatament resin, wahda minnhom pero' kellha bicca nieqsa u kienu fuq is-sufan taht il-cushion. Fuq il-mejda kien hemm zewg imgharef mahruqin, trab abjad suspettat li kien bicarbonate soda, pakkett tar-Rothmans blue u go fih kien hemm bicca resin u kien hemm mizien, flixkun speci ta' pipa.

Iktar tard waqt din it-tfittxija marru fil-kcina, fuq xkaffa kien hemm plattina u fuqha kien hemm allegatament zewg bicciet resin. Spjegat li l-mizien li sabu fuq il-post kien wiehed electronic ta' 0.1 gram.

Illi nhar is-17 ta' Lulju, 2001 xehed **PS451 Aaron Bugeja** u spjega li fis-7 ta' Mejju tas-sena 2001 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Josric Mifsud huwa flimkien ma' kollegi tieghu ntbaghtu fir-residenza ta' Joseph Camilleri li gharaf prezenti fl-Awla u cioe' fir-residenza Blk A, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq sabiex jaghmlu *search* fir-residenza tieghu. Huwa ghalhekk mar ihabbat ir-residenza in kwistjoni pero' hadd ma fetah u wara diversi ghajtiet sabiex jiftulhom kellhom jifthu u jisgassaw il-bieb huma.

Min-naha taghhom bhala ufficjali kien hemm erbgha min-nies u fuq in-naha l-ohra tal-post sabu lil Elton Brincat, l-imputat Joseph Camilleri, martu Susan u Robert Grixti. Jaf li meta dahlu, Joseph Camilleri dahal fid-direzzjoni tal-kcina anzi spjega li kien gej, hiereg mid-direzzjoni tal-kcina, dahal fil-kamra tas-salott, qabad borza minn fuq il-mejda tas-salott u tefaghha barra t-tieqa.

Huma komplew bit-tfittxija taghhom f'dan l-appartament u sabu diversi affarijiet relatati mad-droga, sabu zewg sapuniet tar-resin, wahda minnhom kellha bicca nieqsa. Sabu mizien elettroniku, bicca resin ohra f'pakkett tas-sigaretti, sabu trab abjad suspettat bicarbonate soda u fil-kcina sabu bicca resin ohra f'bicciet zghar fi plattina fuq xkaffa u wara xi kwarta li huma kienu fil-post inkwistjoni kienet waslet telefonata gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq li gewwa bitha fuq il-parti ta' dan l-appartament kienet instabet borza. Il-bitha kienet propjeta' ta' Mr. Kenock. Go din il-borza huwa ra li kien hemm diversi pilloli mxerrdin. Spjega li filfatt it-tieqa ta' dan Joseph Camilleri kienet taghti ghal din il-bitha ta' din il-persuna.

.

Illi nhar il-31 ta' Lulju, 2001 xehed **PC1 Ruben Mifsud** u spjega li huwa jiftakar illi fis-7 ta' Mejju fuq struzzjoni tal-Ispettur Josric Mifsud huwa mar flimkien ma' ufficjali ohra tal-membri tal-korp fir-residenza tal-imputat gewwa z-Zurrieq. Huwa ghalhekk habbat mal-bieb tar-residenza tal-appartament tal-imputat, ma kienx hemm risposta, avzawhom li huma kienu puluzija u kienu se jaghtu daqqa lil bieb biex jisgassawh. Filfatt huma sgassaw il-bieb.

Hemmhekk huma dahlu fil-post u flimkien mal-imputat sabu lil Robert Grixti kif ukoll zewg persuni ohra apparti l-mara tieghu. Ghamlu tfittxija u spjega li fil-kamra ta' barra tat-TV room fis-salott fuq sufan huma sabu zewg sapuniet suspettati li kienu raza tal-Cannabis, ittawlu barra mill-gallarija u raw li kien hemm borza bi trab abjad suspettuz. Sabu wkoll bicca resin tal-cannabis suspettata go pakkett tas-sigaretti kif ukoll zewg pakketti rizla paper. Minn fuq il-persuna tieghu elevaw ammont ta' flus. Elevaw flixkun tal-ilma qisu pipa, zewg *mobile phones* kif ukoll mizien elettroniku. Mis-*search* fil-kcina sabu bicciet zghar ta' raza tal-Cannabis suspettati. Gew elevati minn membri tal-forensika ghall-ezami ulterjuri.

Illi nhar il-31 ta' Lulju, 2001 xehed **John Kennaugh** u spjega li jiftakar illi fis-7 ta' Mejju ta' dik is-sena huwa kien xoghol ta' bil-lejl peress li jahdem bhala immigration officer l-Airport. Wara nofsinhar ta' dak il-jum huwa kien rieqed u ghall-habta tal-erbgha ta' dak il-jum martu qajmitu biex jiekol. Sakemm kienet se ggib l-ikel kien fil-bitha jitkellem maghha. Mar jiekol u wara ghall-4.15pm hareg fil-bitha biex ipejjep u sab borza mitfuha bil-pilloli u go fiha kien hemm karti tal-fidda. Dak il-hin gieh suspett u cempel l-ghassa tal-pulizija taz-Zurrieq. Lill-pulizija li kellmu qallu li kellu d-drogi fil-bitha, qallu biex jistenna. Dak il-hin qal lis-surgent tax-xoghol tieghu li kien se jasal tard minhabba din il-kwistjoni u wara l-hamsa waslu l-pulizija fuq il-post flimkien mal-membri tad-

drug squad. Iccekjaw dak li kien fil-bitha, hallewlu l-pulizija gol-bitha, hadu xi ritratti, hadu l-affarijiet li kien hemm u telqu minn fuq il-post.

Huwa spjega li ghandu zewgt (2) itfal wiehed ta' tnejn u ghoxrin (22) u l-iehor ta' wiehed u ghoxrin (21) sena li jghixu d-dar mieghu. Access ghal din il-bitha hemm mid-dar tieghu biss.

Illi nhar il-31 ta' Lulju, 2001 xehed **PS 739 Michael Borg** u spjega li jiftakar li fis-7 ta' Mejju 2001 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar kien cempillu b'telefonata John Kennaugh u kien infurmah li huwa kellu xi sustanza fil-bitha tieghu. Huwa ghalhekk infurma lid-drug squad u dawn qalulu li kienet qed issir raid fil-vicinanzi ta' dan il-post. John Kennaugh qallu li huwa joqghod Entrance A, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq.

Sussegwentement wasal l-Ispettur Mifsud u s-surgent Monreal u flimkien huma marru fuq il-post li gie ndikat lilu fuq it-telefon.

Hemmhekk huwa ra kwantita' ta' primli bojod u fil-prezenza tieghu dawn gew elevati mill-membri tas-SOCO. Sussegwentement tkomplew l-inquires min-naha taghhom. Esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala dokument PS.

Illi nhar il-25 ta' Ottubru, 2001 xehed il-**Perit Richard Aquilina** u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat sabiex jiehu xi kejl rigwardanti distanzi in konnessjoni mal-kumpilazzjoni ghaddejja u dan mir-residenza tal-imputat sa postijiet fejn jistghu jingabru z-zghazagh inkluz playing field fl-akwati. Huwa ghamel pjanta u ha l-kejl relattiv. Fuq din l-istess pjanta huwa ghamel cirku biex jindika dawn il-postijiet li huwa ha l-kejl taghhom. Din ir-relazzjoni tieghu giet esebita u mmarkata bhala dokument RA.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni a fol. 111 jirrizulta li effettivament ir-residenza tal-imputat taqa' f'distanza ta' anqas minn mitt metru mir-residenza ta' l-akkuzat.

Illi nhar it-8 ta' Awwissu, 2002 xehed l-**Ispizjar Mario Mifsud** u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti in konnessjoni ma' sejba ta' sustanza suspettata droga gewwa l-fond Entrance B, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq nhar is-7 ta' Mejju 2001. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu in konnessjoni ma' din in-nomina tieghu li giet immarkata bhala dokument MM. Esebixxa wkoll id-dokumenti li fuqhom saru l-analizi relattivi.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni a fol. 163 jirrizulta li effettivament huwa ezamina id-dokumenti li gew mghodija lilu minn PC 1336 Jesmond Micallef u fihom sab li s-sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 01 AZO 201/A u 201/B, 205, 209 u 212MM kellha ammont nett totali ta' 507.567 grammi u fiha instabet is-sustanza THC li tigi mill-pjanta tal-Cannbis u hija sustanza kontrollata bil-ligi skond Taqsima *II, S*ezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Instab ukoll tracci ta' sustanza Eroina fuq il-kuccarina li kien hemm fid-dokument 01 AZO 206, kif ukoll fuq il-mizien li kien hemm fid-dokument 01 AZO 202, fuq il-mgharfa li kien hemm fid-dokument 01 AZO 206 u fl-istraw li kien hemm mal-flixkun fid-dokument 01 AZO 207. Instab ukoll trab abjad fid-dokument 01 AZO 208 f'ammont nett ta' 8.955 grammi li instabet fih is-sustanza Kokajina. Il-purita' tal-Kokajina instabet kienet ta' circa 65%. Il-Kokajina u l-Erojina huma sustanzi kontrollati bil-ligi taht l-ewwel Skeda tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn id-dokumenti gew kollha elevati mir-residenza tal-imputat minn PC 1336 Jesmond Micallef dakinhar li saret it-tfittxija mill-pulizija u cioe' nhar is-7 ta'

Mejju 2001 kif jirrizulta minn ezami tar- relazzjoni ta' dan l-istess SOCO PC 1336 Jesmond Micallef esebita minnu nhar il-21 ta' Jannar 2003 liema relazzjoni giet immarkata Dok SOCO.

Illi inoltre kif jirrizulta mir-relazzjoni ta' l-Espert Dr Mario Mifsud, fil-pilloli kollha li kien hemm fid-dokument 01 AZO 212, f'ammont ta' 667 pilloli, instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Il-pilloli li gew moghtija l-kodici tal-laboratorju 01 AZO 212/1 sa 212/4 u li kienu f'ammont ta' 140 pillola, u li kienu jaghmlu parti mis-667 pillola, instabet ukoll fihom ukoll is-sustanza Methylenedioxyethylamphetamine (MDEA). L-MDEA hija derevattiv tas-sustanza MDEA. Dawn iz-zewg sustanzi, li huma central stimulants, huma kkontrollati bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn l-istess pilloli instabu dakinhar gewwa bitha sottoposta ghar-residenza tal-imputat u giet elevata minn PC 1336 Jesmond Micallef borza b'numru ta' pilloli u cioe' skond dan l-Espert Dr Mario Mifsud b'kwantita' ta' 667 li fihom is-sustanza MDMA u f'numru ta' 140 minn dawn l-istess pilloli kien hemm is-sustanza MDEA. Dawn iz-zewg sustanzi huma derevattiv tas- sustanza MDEA li huma central stimulants.

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2003 xehed **PS1336 Jesmond Micallef** u spjega li qed jesebixxi r-relazzjoni tieghu maghmula minnu inkonnessjoni ma' sejba ta' allegat sejba ta' droga gewwa l-fond residenzjali Ent. B, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq. Din ir-relazzjoni giet esebita u markata mill-Qorti bhala dokument SOCO. Flimkien ma' din ir-relazzjoni huwa esebixxa ammont ta' flus go plastic li gie markat mill-Qorti bhala dokument SOCO 1. F'din ir-relazzjoni hemm esebit id-dokumenti kolha li gew elevati minghand l-imputat kif ukoll dawk l-oggetti in

konnessjoni ma' droga li gew elevati mill-vicinanzi. Huma jinsabu ben deskritti f'din l-istess relazzjoni.

Illi nhar is-17 ta' Novembru, 2003 xehed **Ex PC1 Ruben Mifsud** u spjega li fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Josric Mifsud fis-7 ta' Mejju, 2001 marru flimkien ma' ufficjali ohra sabiex jaghmlu search fil-fond residenzjali ta' Joseph Camilleri fiz-Zurrieq u mieghu kien hemm ukoll PS368, PC23, PC451 u WPC12. Hemmhekk sabu lill-imputat li gharaf prezenti fl-awla flimkien ma' Elton Brincat u Robert Grixti. Habbtu mal-bieb pero' kellhom problema biex jifthu ghaliex ma riedux jifthu minnufih u kellhom jisfrundaw il-bieb gewwa u ra lill-imputat gej min-naha ta' gewwa tal-post. Kif dahlu fil-post fl-ewwel kamra tas-salott kien hemm zewg persuni ohra Brincat u Grixti u bdew jaghmlu tfittxija. Fuq in-naha tas-salott kien hemm zewg blokok imdaqqsin suspettati raza tal-Cannabis u fuq mejda *coffee table* kien hemm flixkun forma ta' pipa, kien hemm zewg maghref mcappsin, bicca resin zghira, pakkett tar-Rothmans, mizien digitali u xi tracci fuqha. Kien hemm Lm295 cash u fil-kcina ta' l-istess post fuq il-bank tal-kcina kien hemm bicciet ohrajn suspettati resin. Huma elevaw kollox u ghaddewhom lill-membri tas-SOCO ghal iktar investigazzjoni.

**Robert Grixti** kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija u cioe' nhar it-8 ta' Mejju 2001, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta a fol. 45 tal-process**.** F'din l-istqarrija li in segwitu giet konfermata quddiem l-Magistrat tal-Ghassa, Grixti kien spjega dak li kien gara dak in-nhar tal-arrest tieghu mill-fond residenzjali tal-imputat. Minn ezami ta' din l-istqarija jirrizulta s-segwenti:

a. Illi huwa mar ghand Joseph Camilleri nhar is-7 ta' Mejju 2001 u hemm hekk ghamel joint minn blokka tal-haxixa li kien tah l-imputat stess.

b. Ikkonferma li fuq il-mejda kien hemm mgharfa, kuccarina u flixkun u fil-genb dan il-fluxkun kellu speci ta' pajp forma ta' pipa. (l-istess oggetti li gew elevati minn PS 1336 Jesmond Micallef u imsemmija fir-relazzjoni tieghu).

c. Ma genb il-flixkun kien hemm borza bil-kokajina u borza bil-karbonata (dawn ukoll gew elevati minn PS 1336 Jesmond Micallef u imsemmija fir-relazzjoni tieghu). Qal li jaf li kienet koke ghax rah isajjarha u xi hmistax-il jum qabel kien sahansitra anke pejjep il-kokajina ghandu.

d. Li l-imputat ferra ftit trab abjad fil-mgharfa u raha isajjarha. (l-imgharfa Dok 01 AZO 206 giet ezaminata minn Dr Mario Mifsud u instab li kellha tracci ta' kokajina).

e. Huwa dakinahr pejjep tlett joints u l-imputat qaghad isajjar u jpejjep il-kokajina.

f. Li fil-fond wasal ukoll Elton Brincat b'borza sewda li pogga fuq il-mejda u kien imgezwer b'tape ta' kulur iswed (ukoll jirrizulta deskritt fir-relazzjoni tas-SOCO PS 1336 Jesmond Micallef u ezamiant minn Dr Mario Mifsud).

g. Dan Elton fetah il-borza u uriha lill-imputat u hareg blokka minnha u l-imputat hareg il-blokka l-ohra u poggewhom fuq is-sufan fejn kien bil-qieghda.

h. Kien hu li tefa iz-zewg blokok taht il-cushions tas-sufan fejn kien hu meta sema' xi hadd jisgassa l-bieb ta' barra. (Dawn iz-zewg blokok instabu mill-pulizja taht il-cushions kif spjega l-istess xhud).

i. Spjega illi l-blokka tal-kokajina kienet ghadha fuq il-mejda u meta dahlu l-pulizija Joseph Camilleri qabad il-borza u remiha barra mill-gallerija.

j. Jammetti li hmistax-il jum qabel is-search huwa flimkien mal-imputat kienu qed jiehdu l-kokajina tal-imputat fl-istess salott fejn insatbu dakinhar mill-pulizija.

k. Jghid li ghand l-imputat mar xi hames darbiet fi tlett okkazjonijiet u jghid li pejjep l-ismoke u darba minnhom ha il-kokajina. Jghid li l-imputat kien itih l-ismoke bla hlas.

Meta iggurаmenta din l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwerenti fid-9 ta' Mejju 2001(fol.48) rega' irrepeta l-istess li kien qal fl-istqarrija anke b'referenza ta' kif kien isajjar il-kokajina l-imputat u dan bl-istess dettalji.

Illi nhar it-28 ta' Frar, 2005 rega' xehed **Robert Grixti** din id-darba viva voce il-Qorti quddiem l-imputat u mistoqsi jekk jiftakarx li kien gie arrestat flimkien mal-imputat wiegeb fl-affermattiv. Huwa rega spjega dak li kien sehh meta gie arrestat waqt li kien ghand l-imputat nhar is-7 ta Mejju 2001.

Jiftakar li dakinhar kien mar fid-dar ta' Joseph Camilleri z-Zurrieq u kif kienu hemmhekk habbat il-bieb u mar xi hadd 'Lentini'. Kellu borza sewda f'idu. Huwa poggiha fuq il-mejda u Lentini fetahha u fiha kien hemm ir-raza tal-cannabis. Lentini u Camilleri qaghdu jitkellmu f'kamra ohra. Dak il-hin marru l-pulizija. Dak il-hin habbat il-bieb sewwa. Huwa nhasad u dak il-hin qabad il-borza tal-cannabis u tefaghha taht is-sufan. Ra lil Joseph jarmi l-kokajina ghal isfel mit-tieqa. Mistoqsi ghaliex kien mar ghand Joseph Camilleri wiegeb li hu kien habib tieghu u kien mar biex ipejjep haxixa mieghu hemmhekk. Mistoqsi x'uzu kien jaghmel spjega li huwa kien jaghmel uzu mill-haxixa biss. Mistoqsi kif jaf li dakinhar Joseph Camilleri kien qabad il-coke spjega li kien jaf ghax gieli kien jarah isajjarha. Mistoqsi kemm-il darba mar ghand Camilleri wiegeb li mar xi erba' (4) darbiet f'perjodu ta' himistax (15)-il jum. Hemmhekk huwa kien ipejjep il-blokka. Mistoqsi minn fejn kienet tigi l-haxixa spjega li ma jafx. Kien jaraha fuq il-mejda. Mistoqsi kemm kien fiha l-blokka tar-raza spjega li kienet kbira xi ghaxar (10) pulzieri. Mistoqsi kemm-il blokka kien hemm spjega li la jaf li kien hemm tnejn (2) u lanqas tlieta (3). Mistoqsi jekk ghamilx statement lill-pulizija wiegeb fl-affermattiv. Sahansitra kien anke kkonferma din l-istqarrija quddiem il-Qorti. Saritlu referenza ghall-istqarrija a fol. 45 tal-process. Ikkonferma li dakinhar kien ha nifsijiet mill-haxixa li kienet fuq il-mejda tal-flat

ta' Camilleri. Hin minnhom jaf li kien qed ipejjep mieghu, kienet ghamlitlu l-hsara u l-imputat ried iwasslu l-isptar. Qal li huwa kien qed ipejjep il-kokajina. Il-kokajina dakinhar kienet ta' Joseph. Qallu li xtaq jippruvaha u pruvaha u hass li kienet qed taghmillu l-hsara. Mistoqsi ta' min kienet il-blokka dakinhar, spjega li ra lil Lentini jgibha. Dakinhar ma kienx ha l-koajina pero' kien ilu go daru ghal xi saghtejn qabel ma gew il-pulizija. Il-borza kienet wahda bajdanija, kienet maghluqa u kien fiha l-kokajina go fiha. Huwa kien uza minnha xi erbat ijiem qabel dakinhar meta kienet ghamlitlu l-hsara.

Mistoqsi jekk kinitx l-istess borza spjega li mhuwiex cert li hija l-istess borza li l-imputat waddab mit-tieqa. Kienet fuq il-mejda pero' ma jafx ezattament x'kien fiha din il-borza. Immagina li kienet hekk. Mistoqsi x'ghamel Elton dakinhar, spjega li ma jafx. Elton kien go kamra ohra. Elton hu l-istess persuna li hu rrefera ghaliha bhala 'Lentini'. Elton pero' fl-ebda hin ma kellmu. Huwa lil Joseph Camilleri borza wahda biss rah jarmi. Ma rah jarmi xejn iktar hlief din il-borza. Huwa kien ma' genb l-imputat salv dawk il-mumenti meta hu kien qed jitkellem ma' 'Lentini'. Mistoqsi kemm kien hemm ezattament raza tal-cannabis, spjega li kien hemm zewg jew tlett blokok, u mbaghad kien hemm xi bicciet zghar. Kienu gewwa pakkett tas-sigaretti. L-iktar li ra kienu bicciet iz-zghar. Apparti bicciet fil-kaxxa tas-sigaretti, kien hemm ukoll bicciet zghar fuq il-mejda. Il-bicciet il-kbar kien hadhom Elton 'Lentini'.

Illi nhar it-18 ta' Frar, 2009 xehed **PS1261 Charles Pace** u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr Antonio Mizzi b'digriet tieghu tas-7 ta' Mejju 2001 u dan in konnessjoni ma' sejba ta' allegat droga gewwa l-fond Flat 2 Binja Nigret, Zurrieq u dan fil-kapacita' tieghu bhala fotografu. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. SOCO.

Illi nhar it-13 ta' Mejju, 2009 xehed **Ex PS 368 Stephen Monreal** u spjega li jiftakar li fis-7 ta' Mejju 2001 kellu telefonata minn wiehed mill-kollegi tieghu stess li ra persuna tigbor garbage bag sewda minn taht karozza. Irrizultalu minn din l-investigazzjoni li ghamlu li din il-persuna kienet Elton Brincat li huma jafuha. Sussegwentement kien cempel lilhom sabiex jaghmlu l-investigazzjoni taghhom ghax kellu suspetti dwarha. Huma ghalhekk marru fuq il-post li kien gie ndikat lilhom u cioe' Ent B, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq. Hemmhekk fuq il-post sabu lil Elton Brincat li kien fuq is-sodda tal-imputat.

Huwa minnufih iccirkonda l-post bin-nies tieghu qabel ma habbat. Wara li habbat, il-persuna wara l-bieb kien staqsieh min u qalulu li huma kienu l-pulizija. Semghu speci ta' panic hemm gew u raw li mhux ser jiftah u kellhom jisgassaw il-bieb. Fejn sabu lill-akkuzat u hdejh kien hemm zewg blokok ta' raza mohbija fuq is-sufan taht cushion. Fuq il-mejda tas-salott sabu wkoll xi trab abjad u affarijiet ohra relatati mad-droga. Filwaqt li wiehed mill-pulizija li kellu kien qed jiccirkonda l-post, innota li kienet qed tigi mormija mit-tieqa. Ghalhekk il-pulizija gabarha minn isfel minn fejn kienet giet mormija u ghalhekk informa lis-superjuri tieghu u saret inkjesta relattiva. Spjega li fil-frattemp gew il-pulizija taz-Zurrieq u dan ghaliex fil-flat ta' isfel nett, ground floor, wiehed mir-residenti li kien joqghod hemm qal li xi hadd tefghalu borza kbira b'ammont ta' pilloli. Spjega li wara li rrizulta li dawn il-pilloli kienu fil-fatt ecstasy. Gie muri statement li jinsab esebit fl-atti f'Volum I a fol. 12 u spjega li dan hu l-istatement rilaxxjat mill-imputat li gharaf prezenti fl-Awla Joseph Camilleri nhar id-9 ta' Mejju 2001. Spjega li fuq din l-istqarrija gharaf il-firma tieghu u din l-istqarrija ttiehdet fil-presenza tieghu. Hemm ukoll il-firma tal-Ispettur Josric Mifsud u ta' l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Spjega li qabel ma ttiehdet l-istqarrija, l-imputat nghata s-solitu twissija.

Illi nhar it-30 ta' Gunju, 2009 xehed **PC 451 Aaron Bugeja** u muri ritratti li jinsabu fl-atti fil-faxxikolu mmarkat bhala dokument SOCO a folo. 451 et seq qal li d-dokument AZ0106 juri zewg blokok kannella li huma kienu sabu taht il-cushion tas-sufan. Fid-dokument numru 107 hemm il-pipa li wkoll kienu sabu f'din l-istess residenza u kif ukoll is-siringa. AZ0116 hemm il-mizien li wkoll sabu f'din ir-residenza. AZ0121 jidher ex PC 1 jimmarka fejn kienu sabu borza bi trab abjad suspettata kokaina li allegatament kien tefa' barra l-imputat meta kienu hemmhekk, ir-ritratti AZ0129 u 130 juru l-bitha fejn kienu sabu 'l fuq minn 800 pirmla li allegatament gew imwaddba mit-tieqa tar-residenza tal-imputat. Fid-dokument 133 hemm il-pirmli li huwa ghadu kif semma' fix-xhieda tieghu.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2009 xehed **Ivan Portelli** u spjega li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti kif presjeduta b'digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2009 sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat u jaghmel ezami komparattiv bejn dawk tal-imputa ma' numru ta' dokumenti li gew mghoddija lilu. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu u rritorna l-esebiti fuq liema huwa ghamel il-komparazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. IP. Bhala konkluzjoni spjega illi wara li jkunu gew ezaminati d-dokumenti kollha, ir-rizultat kien wiehed fin-negattiv. Jigi rilevat li l-ezami ghall-impronti digitali sar mill-inqas tmien snin wara.

Illi nhar il-25 ta' Mejju, 2010 xehed l-**Ispizjar Mario Mifsud** u spjega li huwa qed jesebixxi zewg vera kopja ta' relazzjonijiet maghmula minnu fuq inkarigu dwar inkjesta dwar allegat sejba ta' sustanza suspettata droga gewwa fond Ent B, Flat 2, Binja Nigret, Zurrieq nhar is-7 ta' Mejju, 2001 u relazzjoni ohra dwar il-prezz tad-droga li nstabet f'din l-inkjesta. Dawn iz-zewg relazzjonijiet gew immarkati bhala Dok. MM1, MM2 rispettivament. Illi minn ezami tad-dokument esebit fl-atti a fol. 530 mmarkat bhala Dok MM2 jirrizulta li l-prezz

bl-imnut totali tad-drogi illegali li allegatament kienu nstabu fil-fond 'Entrance B' flat 2, Binja Nigret iz-Zurrieq nhar is-7 ta' Mejju 2001 kien ta' €12,337.

Illi nhar is-6 ta' Lulju, 2010 xehed il-**Perit Jesmond Mugliett** u spjega li huwa kien inghata inkarigu minn din il-Qorti nhar it-13 ta' April, 2010 sabiex jaccedi fuq il-post Binja Nigret Zurrieq u jiehu survey tal-appartament u tal-btiehi ta' tahtu. Esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. JM. Ghadda kopja tar-relazzjoni lid-Difiza.

Illi nhar it-8 ta' Mejju 2001 Elton Brincat kien gie investigat mill-pulizija dwar dak li kien sehh nhar is-7 ta' Mejju 2001 u cioe' sabiex jghati spjegazzjoni ghall-presenza tieghu fir-residenza ta' l-imputat u x'kienu qed jaghmlu lkoll hemmhekk. Huwa rrilaxja stqarrija li hija mmarkata bhala Dok JM2 li tinsab inserita fl-atti a fol 54 et seq.

Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta s-segwenti:

a. Jghid li dakinhar tas-7 ta' Mejju 2001 huwa kien mar ghand 'Jesmond Xavallier' li aktar tard il-Qorti jghid li huwa l-imputat odjern f'xi hin wara nofsinhar.
b. Jghid li appena wasal kien cempel il-qanpiena u l-mara ta' l-imputat kienet wadbitlu ic-cavetta u qaltlu sabiex itellghalhom borza sewda li kien hemm taht il-karozza taghhom li kienet mislufa lilu.
c. Qal li l-borza kienet iebsa u mkebba u ghall-ewwel hasibha li kien fiha xi videos.
d. Tela' fuq u sab il-bieb imbexxaq dahal fis-salott u hemmhekk sab lill-imputat u lil Robert Grixti u ghadda ic-cavetta u l-borza li kien tella' minn isfel.
e. Huwa pogga il-borza fuq il-mejda (kif del resto stqarr Robert Grixti) u l-imputat fetah il-borza.

f. Qal li l-karozza kienet ilha ghandu ghaliex tieghu kienet bil-hsara. Spjega kif kien raqad ghand l-imputat lejliet gol-flat li ghandu B'Bugia u li kellu jistenna lil Robert Grixti biex johodlu ic-cavetta tal-karozza ghaliex ma sabhiex hemm meta qam filghodu stante li Camilleri kien lahaq telaq.
g. Qal li huwa ma kienx jaf li kellu d-droga fil-karozza u sar jaf biha fil-flat u ghalhekk hass ruhu tradut.

Illi nhar it-18 ta' Frar, 2014 xehed **Elton Brincat** viva voce quddiem l-imputat u spjega li huwa minnu li kien ghaddej proceduri kriminali in konnessjoni mad-droga. Il-kawza tieghu kienet waslet ghas-sentenza, cioe' nonostante ghazel li jixhed. Spjega li fit-2001 hu kien gie arrestat mill-pulizija, spjega li gurnata minnhom hu kien ghaddej bil-karozza ta' l-imputat u filghaxija kien mar jorqod ghandu gewwa flat Birzebbugia. Huwa raqad hemmhekk u kif qam filghodu sab ruhu wahdu hemmhekk. Spjega li filfatt lanqas ic-cavetta tal-karozza ma kien hemm. Huwa cempel lill-imputat u qallu li kien ser jibghatlu c-cavetta permezz ta' habib tieghu maghruf bl-isem ta' 'Bertu'. Huwa nel frattemp qaghad ilesti ruhu, jaghmel xaghru u hekk, sabiex jipprepara ruhu biex jitlaq u jmur ghand Joseph fir-residenza tieghu gewwa z-Zurrieq. Jiftakar ukoll li ftit wara kien cempillu jew cempillu hu u fakkru sabiex jehodlu borza sewda lil kien hemm fil-flat. Huwa fittex fil-flat pero' ma sabx din il-borza u tela' z-Zurrieq. Meta wasal fittex ukoll fil-karozza u sab din il-borza fil-karozza. Huwa qabad il-borza u tela' biha ghand l-imputat fil-flat tieghu z-Zurrieq. Huwa mbaghad tella' l-borza gewwa, qallu sabiex iwasslu ghaliex kellu bzonn il-karozza hu, jew setghax iwasslu haddiehor, qallu sabiex jistenna ftit u kien ser jghidlu, sadanittant habbat il-bieb, huma l-bieb ma fethuhx u f'daqqa wahda l-bieb infaqa' mill-pulizija. Naturalment sar jaf li kienu l-pulizija ghaliex huma identifikaw ruhhom maghhom.

Jiftakar li ftit qabel ma marru l-pulizija, Joseph kien fetah din il-borza sewda, u fiha kien hemm zewg blokok. Spjega li kien jaf li kienet raza ghaliex kien ra raza tal-kannabis qabel, pero' mhux daqshekk fil-kobor, cioe' ghaliex kien ipejjep xi bicca hu. Hu ma kienx jaf x'qieghed igorr ghaliex kieku ma kienx igorrha. Mistoqsi x'sar minnha din il-borza spjega li effettivament din il-borza baqghet hemm, u meta dahlu l-pulizija sabu l-borza u sabu wkoll xi flus u haduhom maghhom. Kien hemm ukoll xi lighters fuq il-mejda. Meta hu semma' fl-istatement il-kelma 'Jesmond' ried ifisser Joseph Camilleri l-imputat odjern. Huwa lil Joseph kien jafu l-Marsa u gieli laghbu l-futbol flimkien. Mistoqsi jekk effettivament kienx jaf x'jaghmel Joseph biex jaqla' lira, spjega li le ma kienx jaf bl-ezatt.

Suspett per se ma kellux pero' jaf li n-nies kienu jghidu li huwa kien idawwar id-droga. Filfatt meta qal lil Joseph li l-borza li kien qed ifittex ma kinitx fil-flat, huwa qallu biex ifittex fil-karozza u ndikalu li kienet x'imkien taht il-karozza. Filfatt hemm sabha fejn indikalu hu. Spjega li filfatt il-borza kienet sewda wkoll. Kienet borza u l-kontenut ta' go fiha kien iebes. Meta huwa sab din il-borza ghaddielu hsieb minn mohhu, li ghall-ewwel haseb li setgha kienu xi videos ghaliex kien iebes, pero' meta huwa sussegwentement gabarha minn taht il-karozza, huwa haseb li setgha kien hemm xi haga aghar, ghaliex kieku ma kinitx tinzamm taht il-karozza, u meta qed jghid aghar haseb li kienu xi haga llegali bhal droga.

Huwa ma jiftakarx kif effettivament dahal fil-flat, jista' jkun li wadbulu c-cavetta. Jaf li filfatt kien hemm ukoll certu wiehed 'Bertu'. Huwa meta wasal fil-post sab lil Joseph Camilleri u lil Bertu jpejjpu l-Coke minn go flixkun. Huwa pero' ma sab xejn aktar illegali li seta' kienu qeghdin jaghmlu. Mistoqsi kemm ghadda hin minn meta dahal hu u l-pulizija faqghu l-bieb, spjega li bl-ezatt ma jafx. Pero' jahseb li kien hemm kwarta jew nofs siegha u mhux aktar. U dan

naturalment milli jiftakar hu. Naturalment meta dahlu l-pulizija, ir-reazzjoni taghhom, ma kienitx wahda sabiha. Spjega li l-pulizija lanqas tawhom cans jaghmlu xejn. Spjega li fil-flat dak il-hin kien hemm ukoll il-mara ta' Joseph Camilleri, jaf li kienet hemm meta hu wasal, pero' jekk kinitx harget wara ma jafx. Pero' jaf li meta Joseph fetah il-borza apparti hu u Bertu ma kien hemm hadd aktar fil-kamra. Huwa ma jafx jekk effettivament Joseph gabx xi haga ohra apparti l-borza li hadlu hu. Blokok fil-borza kien hemm tnejn.

Mistoqsi jekk kienx hemm okkazzjonijiet ohra meta Joseph talbu biex jaghmillu xi pjacir iehor u jgorlu xi borza jew affarijiet simili llegali, spjega li le ma kienx hemm. Spjega li jahseb li dakinhar talab lilu peress li hu kien ghaddej bil-karozza tieghu. Spjega li apparti din l-okkazzjoni Joseph gieli ghaddielu xi *joint* ghalih, ghall-uzu personali tieghu, *joint* tal-kannabis. Ma jafx jekk kinitx raza jew kannabis. Pero' apparti *joint* qatt ma tah xejn aktar. Jiftakar li fi zmien kien gie investigat mill-Ispettur Joseph Mifsud, u jitaktar li kien irrilaxxjalu stqarrija u sahansitra anke gguramenta din l-istqarrija u jaf ukoll li kien iffirmaha. Gie muri l-istatement tieghu inserit fl-atti Volume 1 a fol. 40 et sequitur. Filfatt gie moqri l-istatement li kien irrilaxxa liema statement jinsab inserit fl-atti a fol. 54 esebit bhala Dk. JM2.

Meta huwa fl-istqarrija tieghu jghid '*Jesmond ta' Chevalier'* ried ifisser l-imputat Joseph Camilleri. Huwa spjega li giet moqrija lilu l-istqarrija tieghu u kkonferma l-kontenut taghha. Huwa gie muri din l-istqarrija u gharaf l-firma tieghu. Filfatt anke dwar id-domanda ulterjuri li kien ghamillu l-Ispettur Mifsud jaqbel a fol. 58 fejn effettivament sab din il-borza sewda, dik hija l-verita' kollha. Huwa spjega li din hija x-xhieda kollha tieghu.

Illi nhar l-20 ta' Mejju, 2014 **Elton Brincat** xehed in kontro-ezami u spjega li meta kien raqad fil-flat Birzebbugia, kien raqad ma l-imputat li gharfu prezenti

fl-Awla. Huwa spjega li jista' jkun li kien hemm haddiehor pero' nesa' ghaliex dan ilu li gara xi erbatax (14)-il sena. Huwa minnu li l-imputat kien selfu l-karozza tieghu xi gurnata qabel. Mistoqsi jekk poggiex hu xi affarijiet fil-karozza, spjega li le huwa ma pogga xejn. Spjega li Grixti ma kienx maghhom Birzebbugia, rah meta kien fid-dar tal-imputat iz-Zurrieq u meta ma kienx sab ic-cwievet tal-karozza, jaf li l-imputat kien baghat lil Grixti bihom.

L-istorja kienet li l-imputat kien tah ic-cwievet tal-karozza tieghu u x-xhud kien hareg biha u bil-lejl ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu jiftakar li kien ghadu kif wassal habib tieghu Marsaxlokk u jahseb li kien cempel lill-imputat u dan infurmah li kien qieghed Birzebbugia u x-xhud qallu mela ha jmur sa hdejh u mbaghad spicca raqad hemm ghandu, u kif qam filghodu l-karozza kienet ghadha hemm pero' c-cavetta ma kinitx ghadha hemm. Huwa kkonferma li cavetta li kien tah hu kien halliha qabel ma mar jorqod fuq il-mejda. Spjega li l-karozza kienet Subaru Blu G10. Huwa fl-ebda hin ma ra l-pakkett imwahhal fil-karozza meta kien qed idur biha.

Huwa mar jiccekkja biss, meta qalulu biex imur igibha, u qabel hu ma tax kas. Fi x'hin twahhal dan il-pakkett fil-karozza huwa ma jafx. Li jaf cert huwa li ma kienx hu li wahhlu. Il-karozza kienet ipparkjata vicin il-flat ta' Birzebbugia. Huwa mar ifittex ghal dan il-pakkett meta wasal hdejn id-dar tieghu z-Zurrieq fuq rikjesta ta' l-imputat. Huwa spjega li effettivament jaf li l-imputat kien cempillu wkoll u staqsih sabiex ifittixha u sabha, pero' mhux mill-ewwel. Spjega li meta kien vicin tieghu l-indikazzjoni li tah kienu aktar cari minn dak li tah fuq it-telefown. Spjega li meta kien wasal iz-Zurrieq il-mara tieghu kienet wadbitlu c-cavetta sabiex jidhol gewwa u qaltlu biex igib il-pakkett li kien hemm fil-karozza, spjega li kien dak il-pakkett li kien qalilha hu.

Spjega li filfatt meta filfatt ittawwal sew taht il-karozza l-oggett rah ghax ma kienx zghir. Spjega li mhux minnu li l-qiegh ta' din il-karozza kien catt. Filfatt il-karozzi kollha ghandhom xi post fejn tista' tqabbad mieghu. Spjega li l-pakkett kien jinstab ezatt taht il-karozza bejn hadida u ohra li tigi speci ta' *fixed*. Il-*parts* in kwistjoni tal-karozza pero' ma jafx x'inhuma. Pero' jaf li kien fil-parti ta' wara.

Mistoqsi ghaliex meta Grixti gie arrestat filfatt kien ta verzjoni differenti tal-fatti wiegeb li kulhadd jghid dak li jrid. Spjega li meta Grixti tah c-cavetta, dan kien tah c-cavetta u telaq 'l hemm. Huwa veru li l-imputat kien talab lilu sabiex ifittixlu dan il-pakkett.

L-istess xhud fl-istess seduta in spjega li hu ma jafx jekk effettivament Grixti kienx inghata xi struzzjoni biex ifittex ghal xi haga.

Illi nhar is-17 ta' Settembru, 2014 xehdu f'konfront **Robert Grixti u Elton Brincat.** Robert Grixti spjega li mhux minnu li huwa mar jaghti cavetta ta' karozza lil Joseph Camilleri fil-post tieghu Birzebbugia, u lanqas mar ighati ic-cavetta lil Elton Brincat gewwa Birzebbugia. M'hu veru xejn. Lilu hadd qatt ma baghtu b'xi cwievet Birzebbugia. Jaqbel pero' li huwa kien fil-fond ta' Joseph Camilleri z-Zurrieq meta marru l-pulizija. Mistoqsi kif effettivament Elton Brincat dahal fil-fond ta' Joseph Camilleri z-Zurrieq spjega li llum-il gurnata nesa ezattament kif dahal. Mistoqsi jekk jistax ikun li kienet il-mara ta' Joseph Camilleri li waddbet ic-cavetta lil Elton Brincat mit-tieqa spjega illi jista' jkun. Spjega illi meta Elton Brincat dahal fl-appartament ta' Joseph Camilleri f'idu kellu borza sewda u jaf li dahal b'din il-borza fis-salott. Mistoqsi fejn effettivament kien dak il-hin Joseph Camilleri huwa spjega li kien hdejhom fis-salott. Ikkonferma li Elton Brincat dak il-hin fetah il-borza u go fiha kien hemm blokka. Jekk mhux sejjer zball tliet blokok, mhux cert pero'. Fil-pront marru il-

Pulizija. Peress li beza' huwa tefahom taht is-sufan. Mistoqsi jekk jiftakarx dak li qal Elton Brincat dakinhar spjega li ma jiftakarx. Jaf li dakinhar inqala' kommozzjoni peress li kien hemm diversi membri tal-Pulizija. Mistoqsi x'karozza kellu Elton Brincat dakinhar spjega li nesa. Ikkonferma li effettivament Joseph Camilleri ma jafx ezattament fejn kien, probabilment kien fis-salott maghhom minghalih pero' mhux cert dwar dan.

F'dan l-istadju xehed **Elton Brincat** in konfront u spjega li appena tiftah il-bieb ta' barra ta' dan l-appartament ta' Joseph Camilleri hemm salott u ghalhekk jekk Joseph Camilleri ma kienx fis-salott kien f'kamra iktar 'l gewwa.

Elton Brincat fil-prezenza ta' l-istess Robert Grixti kkonferma illi l-borza s-sewda sabha taht il-karozza u jekk mhux sejjer zball kienet tal-ghamla Subaru pero' minn dan mhux cert. Dan peress li l-karozza ma kinitx tieghu. Mistoqsi jekk effettivament hux minnu li fis-Subaru m'hemm xejn ma xiex torbot minn taht is-*seat* spjega li dwar dan ma jafx ghax huwa mhux mekkanik. Mistoqsi liema triq ha minn Birzebbugia ghaz-Zurrieq spjega li ma jiftakarx. Minn Hal Far pero' ma jahsibx li ghadda. Jahseb li ghadda mit-telgha ta' Bir id-Deheb. Mhux vera dak li qal Robert Grixti li huwa bil-borza tela' fil-*flat* u fetaha hu. Spjega li huwa minnu li tela' bil-borza pero' huwa telaqha fuq il-mejda.

**Robert Grixti** f'dan l-istadju spjega li mhux veru dak li qed jghid ix-xhud Elton Brincat. Huwa rah jiftaha l-borza b'ghajnejh.

Rat illi nhar illi nhar id-9 ta' Mejju 2001 l-imputat kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni (fol. 12) pero' kif kellu kull dritt jaghmel kien ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Cio' nonostante nhar it-23 ta' Ottubru 2014 l-imputat **Joseph Camilleri** ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u spjega dak li jiftakar dwar il-kaz in desamina.

Spjega li jiftakar li dakinhar ta' dan l-allegat incident 7 ta' Mejju, 2001 huwa kien id-dar iz-Zurrieq u kien qam ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00hrs). Spjega illi dak iz-zmien huwa kien jabbuza mid-droga u spjega illi dakinhar stess kien abbuza mid-droga. Spjega illi ha naqra kafe u qaghad il-gurnata tieghu d-dar. Spjega illi f'xi hin wara kienet marret persuna thabbat il-bieb, huwa kien fis-salott u ccekja mill-gallarija u kien habib tieghu jismu Bertu u spjega illi dan kien ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14.00hrs). Spjega illi huwa u Bertu filfatt kienu hbieb, qaghad ghandu, kien ilu jafu xi zmien ghaliex huwa miz-Zurrieq stess. Spjega illi dan Bertu kien imur ghandu ta' sikwit, filfatt gieli kienu joqghodu jaraw xi televixin fis-salott u gieli pejpu xi *joint* flimkien ukoll. Gieli kien ikollu hu u gieli kien ikollu l-iehor, kien ikollhom it-tnejn flimkien.

Dak iz-zmien jaf li kien hemm nuqqas ta' kannabis u beda jabbuza minn sustanzi ohra fosthom il-kokaina u anki kien jiehu eroina. Spjega illi dakinhar kien ircieva telefonata minn fuq il-*mobile* u kien certu Elton Brincat u kien qallu wkoll li sejjer hdejh ghax irid ikellmu. Spejga illi dakinhar kellu vizzji ta' droga qawwija, sahansitra kien jaghmel uzu mill-pipa biex jiehu l-*cocaine* biha u spjega illi l-eroina kien dak iz-zmien kienu isajruha bil-*foil* u bl-imgharfa. Dakinhar jaf li Bertu kien abbuza biss billi pejjep *joint*. Ma kienx abbuza mis-sustanzi l-ohra.
Meta huwa jghid Bertu qed ifisser ghal Robert Grixti. Xi hin jaf li Elton Brincat wasal hdejh. Lil Elton Brincat kien ilu jafu ghal perjodu ta' aktar minn sena. Kien ghalhekk li huwa kien sellfu l-vettura tieghu. Huwa dakinhar jaf li kien mar it-*toilet*. Jaf illi dak il-hin martu kienet tefghatlu c-cavetta mill-gallarija waqt li huwa kien ghadu fit-*toilet*. F'daqqa u l-hin sema' hafna daqqiet fuq il-bieb wara li huwa kien dahal gewwa, hareg biex jara min kien qed isabbat mal-bieb u fil-bieb jaf li kellu mera fuq in-naha ta' barra u xi hadd beda jaghti bis-sieq u din inqalghat u waqghat. Huwa kien wara l-bieb u dak il-hin jaf li dahlu l-pulizija

fuqhom, ghamlu tfittxija taghhom, qalulhom li kienu taht arrest u li kien hemm mandat ghat-tfittxija u fost l-affarijiet li sabu, sabu dawn il-bicciet tal-blokka.

X'hin sabuhom jaf li kienu mohbijin taht il-*cushion* blu fis-salott. Ghamlu tfittxija fid-dar kollha u spjega li sabu affarijiet ohrajn relatati mad-droga. Jaf li sabu wkoll xi pilloli. Spjega illi kellu pero' l-*control card* tal-pilloli li sabulu ghaliex dak iz-zmien kien qed jiehu xi kura ghall-problema li kellu ta' abbuz tad-droga. Jaf illi kien hemm xi hadd iehor fil-karozza. Huwa kkonferma li qatt ma baghat cwievet ma' Robert Grixti. Jaf illi gie arrestat, irrilaxxa stqarrija u sussegwentement gie mressaq il-Qorti. Mistoqsi min pogga d-droga taht il-*cushion* il-*blu* spjega illi ma jafx min qieghedhom. Huwa ra l-pulizija jikxfu l-*cushion* u jsibuhom hemm. Il-karozza li huwa sellef lil Elton Brincat kienet Subaru J10 u kien ilu li sellifhielu xi jiem qabel. Filfatt kien ilu xi tlett ijiem jigri b'din il-karozza u huwa dak iz-zmien kien qed idur b'karozza tal-kiri. Il-qiegh tal-karozza tieghu u l-magna huma kollha kkoverjati. Spjega illi l-istorja li ta Elton Brincat mhix minnha. Jaf li pero' meta kien tela' ghandu Elton Brincat kellu borza sewda f'idejh u dan ghaliex il-mara wara kienet qaltlu, wara li effettivament kienu gew rilaxxjati mill-pulizija li l-pulizija ma kinux elevaw din il-borza sewda izda kienu regghu marru d-dar, il-mara kienet qabdet tnaddaf u kienu harguha minn gol-*garbage* u regghu haduha. Il-borza s-sewda ma kinitx tieghu u lanqas il-kontenut taghha. Filfatt ma kienx jaf x'kien fiha din il-borza. Huwa lil Robert Grixti dakinhar ma baghatu imkien u spjega li minn x'hin dahal ghandu kienu xi s-saghtejn (14.00hrs), is-saghtejn u kwart (14.15hrs) sakemm gew arrestati kien baqa' ghandu dejjem.

Dakinhar meta mar Elton Brincat kienu hu, Robert Grixti u l-mara. Jista' jkun li kien hemm xi hadd mit-tfal ukoll. Huwa fl-ebda hin ma mess id-droga dakinhar li kien hemm fil-borza s-sewda. Huwa minnu li fis-sena 2001 huwa kellu problema tad-droga kemm fir-rigward ta' abbuz mill-kannabis, kemm tal-kokaina u kemm

tal-eroina. Pero' apparti dawn it-tliet tipi ta' drogi, droga ohra ma hax u spjega li effettivament kien ilu b'din il-problema ta' abbuz ta' droga minn mindu kien ghadu guvnott u ghalhekk kien ilu snin b'din il-problema.

Huwa spjega li filfatt wara li gie arrestat mill-pulizija kien ghamel programm biex jindirizza din il-problema pero' mhux qabel. Spjega illi huwa ghamel l-ewwel kuntatt ma' Victoria Scicluna tas-Sedqa fil-21 ta' Lulju 2003. Pero' kien hemm *policy* dak iz-zmien li qabel ma tkun *clean* totalment ma tistax tidhol fir-residenza u ghamel *effort* kbir u Awwissu 2005 dahal programm u ghadu sa llum ghadu *clean*. Fiz-zmien meta l-pulizija ghamlulu r-raid huwa kien jahdem u dak iz-zmien kien jaghmel xoghol ta' *driver* iqassam ix-xoghol. Pero' spjega wkoll illi huwa kien bil-beneficcji socjali u x-xoghol li kien jaghmel ma kienx jidher. Kien jghin ukoll lill-missieru fil-garaxx ta' mekkanik. Anzi mhux f'garaxx, isewwiha wara l-bieb. Spjega illi dak iz-zmien kien jixtri bicca *smoke* ghaxar liri Maltin u kienet isservih jumejn tlieta. Spjega illi filfatt kienet tkun kbira xi *two inches* u spjega li kienet isservih tlett ijiem meta kien jaghmel uzu minnha wahdu. Huwa kien jixtriha mis-suq pero' m'ghand hadd partikolari. Minghand diversi nies. Mistoqsi kemm kien jikkonsma kokaina spjega illi ma jiftakarx pero' ma kienx jiehu kuljum. Missier il-mara tieghu ghamel hamsa u tletin sena jahdem u spjega li missier il-mara kien jghinhom finanzjarjament ghax kien jaf li kienu naqra baghtuti u hi kienet tuza dawk il-flus biex trabbi l-familja u hu kien juza l-flus milli kien jaqla' biex ikompli bil-vizzju tieghu. Il-mara ma kinitx tahdem. Dak iz-zmien kellhom zewgt itfal. Il-kokaina kien jixtriha pero' ma xtaqx jghid minghand min kien jixtriha. Huwa rega' kkonferma illi huwa lil Robert Grixti qatt ma tah droga. Huwa kellu wiccu tost, kien imur ghandu u jaqbad jaghmel id-droga ghandu minn jeddu u meta ma kienx igib mieghu kien jiehu minn tieghu u meta ma kienx ikollu hu kien jiehu minn tieghu. Mhux veru li huwa kien jipprovdi d-droga kokaina ghal Robert Grixti. Spjega li l-kokaina tiswa hafna flus allura mhux minnu li hu ghaddielu l-kokaina. Mhux veru pero' li

huwa kien jghaddi l-*coke* lil Bertu Grixti. Lil Robert Grixti kien jafu xi sena qabel. Lil Elton Brincat jafu ghaliex huwa mill-Marsa bhalu. Anki lil missieru kien jafu. Jafu wkoll bil-familja. Mhux veru dak li qalu Robert Grixti u Elton Brincat li huwa dakinhar hareg sapuna tal-kannabis u bdew ipejpuha. Spjega illi dakinhar kien qed isajjar il-kokaina meta mar it-*toilet* u kienet baqghet fuq il-mejda u ghalhekk huwa kien il-boghod mill-bieb. Pero’ spjega li dakinhar huma ma missewhiex u huwa hareg mill-kamra tal-banju biss meta sema’ l-hsejjes. Mhux vera lanqas li huwa lil Elton Brincat qallu biex igib il-pakkett minn taht is-*seat* tal-karozza. Spjega li fl-interrogazzjoni kien gie mistoqsi jekk jafx il-persuna bl-isem ta’ Pierre li ma kienx involut fil-kaz u stqarr li ma kienx jafu. Mhux veru dak li qalu l-Pulizija li meta nduna bihom harab billi mar fil-kcina. Mistoqsi jekk jafx dwar l-affarijiet li gew mormija mir-residenza tieghu spjega li dwar dan ma jaf xejn lanqas. Mhux veru dak li qed jigi allegat lilu li huwa meta ra lill-pulizija telaq jigri b’borza b’xi sitt mitt *ecstasy* li effettivament sussegwentement instabu fil-gnien tal-gar tieghu. Mistoqsi ghaliex Elton Brincat u Robert Grixti li kienu hbieb tieghu gidbu fuqu spjega illi ma jafx. Ma kellhomx glied bejniethom dak iz-zmien, kieku ma kienux ikunu fl-istess dar flimkien.

Illi nhar it-28 ta’ Novembru, 2014 xehed l-**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara** u spjega li huwa jaf lill-imputat u jafu in konnessjoni ma’ investigazzjoni li saret fis-sena 2001. Mistoqsi jekk ghadux l-istess persuna li kien jaf fis-sena 2001 wiegeb li sa fejn jaf u skond l-informazzjoni li ghandu Joseph Camilleri m’ghadux l-istess persuna fis-sens illi m’ghadux involut fid-droga. Jaf li filfatt kienet qed tiffolowjah Vicky Scicluna tas-Sedqa u jaf ukoll li kienet diga’ giet imharrka biex tixhed f’xi kawzi ohrajn tieghu u jkun ahjar illi tigi mharrka hi biex titkellem dwar il-progress o meno tal-imputat.

Illi nhar id-9 ta’ Settembru, 2015 xehed **Dr. Mark Xuereb** u spjega li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina lill-imputat u jirrelata dwar l-istat

mentali ta’ l-istess imputat. Spjega illi l-imputat ghandu dipressjoni u ghandu ukoll *compulsive disorder, obsessive disorder*. Filfatt l-*obsessive compulsive disorder* ticcirkola fuq ritwali fis-sens illi per ezempju filghodu jrid joqghod bilwieqfa hdejn il-bieb tal-kamra tieghu d-dar biex jiftakar fir-*role call* tal-Habs u jaghmel hin stabbilit sakemm jinduna li ovvjament m'ghadux il-Habs. Spjega li din qed tikkawzalu hafna stress filfatt li huwa ragel tal-familja, qed jipprova jirranga hajtu. Jifhem ukoll li l-passat tieghu ma kienx wiehed mill-ahjar. Kellu trobbija kemm xejn mhux normali. Ommu kellha problemi ta' sahha mentali. Missieru kien xufier tal-linja u kien jaghmel hinijiet twal xoghol barra u ghalhekk huwa ma kellux *la good father* u lanqas *good mother figure*.

Spjega l-imputat ma kellux gwida tajba u kien qabad il-vizzju tad-droga u llum retrospettivament kieku seta' jbiddel il-passat tieghu kien jevita sija l-kumpanija l-hazina kif ukoll il-vizzju tad-droga. Skond kif qallu l-imputat, l-imputat ghamel pjan u waqaf mid-droga billi ghamel il-programm u dan bosta snin ilu. Spjega li llum l-iskop ta' hajtu huwa tali li jiffoka fuq it-tfal. Ghandu zewgt (2) itfal taht il-kura u kustodja tieghu u jghid li huwa nkwetat hafna ghalihom ghax irid ikollu l-*father figure* fuqhom u huwa konxju hafna mill-fatt li ma jridx jghaddi lit-tfal tieghu mill-istess problemi li ghadda minnhom hu meta kien zghir li ma kellux ommu u missieru. Jghid li jrid ikun ukoll missier tajjeb ghall-ulied tal-*partner* tieghu li huma wkoll ulied zghar u naturalment sabiex ikun *partner* tajjeb ghaliha ukoll.

Ix-xhud spjega li l-imputat qed jipprova jirranga hajtu. Huwa persuna vulnerabbli u dan mhux kollu tort tieghu minhabba l-passat tieghu. M'ghandux mard mentali bhall-psikozi lanqas hsibijiet li jwegga' lilu nnifsu jew lil haddiehor. Lest li jikkopera mal-pjan. Minhabba din l-ossessjoni li hu ghandu u li tista' taggrava f'ambjent ta' Habs ighid li filfatt l-imputat ukoll jinsab taht kura psikjatrika u ghalhekk huwa fil-fehma tieghu li l-imputat ghandu jinghata programm fil-

komunita' taht supervizjoni. Dak hu l-ahjar interess tieghu. Jekk mhux sejjer zball l-imputat ghandu certu *hobbies* bhall-ghawm. Esebixxa rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MX.

Illi nhar is-17 ta’ Novembru, 2015 xehdet **Vicky Scicluna** u spjegat li hija llum tokkupa l-kariga ta’ Kummissarju ghall-Gustizzja u hija Social Worker ukoll. Lill-imputat odjern li gharfet prezenti fl-Awla ilha tafu ghal madwar tnax (12)-il sena. Spjegat li dak iz-zmien kien mar ghandha peress li kellu problemi fil-hajja personali tieghu kif ukoll problemi dwar abbuz ta’ droga u spjegat li effettivament kien abbuz serju.

Bdiet tarah b’mod regolari u spjegat li effettivament kien wera x-xewqa li jindirizza din il-problema li kellu u sahansitra taf li dahal il-programm Santa Marija. Pero’ peress li kien ghad ghandu xi pendenzi familjari li kellhom x’jaqsmu mal-mara tieghu, dana hareg mill-programm u eventwalment solva l-problemi li kellu. Taf li pero’ rega’ dahal il-programm, din id-darba taf li ttermina dan il-programm b’success, hadem hafna waqt il-programm. Taf li kellu *psychology*, *familiy therapy* u minn kull att. Spjegat li dak iz-zmien kien ghadu haj missieru li naturalment xtaq hafna li jarah jghix hajja sew u wara l-programm baqa’ jsegwi u jaghmel progress.

Spjegat li apparti l-fatt li huwa baqa’ ’l boghod mid-droga minn dak iz-zmien, spjegat illi fejn qabel kien mohh ir-rih u jahseb ghalih innifsu sar ragel tal-familja, iktar minn *job* wiehed u dan sabiex ilahhaq u jzomm il-familja tieghu f’pozizzjoni tajba. Filfatt spjegat li kien u ghadu *role model* ghal shabu u l-programm baqa’ jghixu sal-lum. Ilum ghadu jahdem, spjegat li filfatt huwa ezempju ta’ haddiehor li baqa’ totalment *clean*. Spjegat illi sahansitra anke waqaf ipejjep u jiehu hsieb sahhtu jiekol *healthy* u fil-fehma taghhom Joseph Camilleri huwa persuna li ghamel success u filfatt zammet kuntatt mieghu peress li ilhom

jafu lil xulxin u mbaghad xi kultant zmien jiltaqghu biex jitkellmu. Illum dan huwa bniedem riformat u ntegrat fis-socjeta'.

Spjegat ukoll li huwa jqieghed hafna energija fl-isport li hija haga tajba u dejjem filfatt xtaq jghin lil min qieghed ukoll fil-programm u xi kultant anke jorganizzalhom futbol ghar-residenti.

Illi nhar it-2 ta' Marzu, 2016 xehdet **Carmen Farrugia** u spjegat li tghix fi blokk appartamenti z-Zurrieq. Tiftakar li darba minnhom fost l-ohrajn waqt li kienet rieqda d-dar habbat il-bieb, mar jiftah it-tifel u dahlu l-pulizija ghandhom. It-tifel naturalment beda jghajjat ma, ma, ma, qamet minn fejn kienet u rat l-pulizija gewwa darha u qalu li ha johorgu jigru 'l barra ghax hadu zball fil-bieb. Mistoqsija jekk tafx ghand min marru wara spjegat li ma tafx. L-imputat Joseph Camilleri tafu u spjegat li tafu ghax joqghod fil-blokk ta' ma' genb taghha. Fil-blokk fejn toqghod hi tahta hemm ukoll bitha komuni. It-twieqi pero' tal-imputat ma jaghtux ghal fuq din il-bitha. Il-bitha naturalment isservi ghat-twieqi ta' fuq tal-blokka taghha. Il-blocks ta' ma' genbha ghandhom btiehi differenti minn taghha.

Hija ma tafx illi l-imputat li ghandu tieqa li taghti ghal din il-bitha. Zgur pero' li l-blokk tas-Sinjur ma tinfidx ghal fuq il-bicca taghhom. Naturalment hemm diversi twieqi fil-blokka fejn joqghod is-Sur Camilleri. Il-blokk taghhom hemm barranin ukoll joqghodu. Min joqghod fil-blokks l-ohrajn pero' ma tafx. Il-flat taghha jmiss mal-flat tal-imputat. Problemi mal-imputat qatt ma kellha. Qatt ma marret ghand l-imputat lanqas u lanqas qatt ma mar ghandha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2016.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-imputat huwa akkuzat principalment b'akkuzi ta' pussess u traffikar tad-droga kokajina, pussess u traffikar tad-droga Cannabis, pussess ta' medicina ristretta u psikotropika, pussess aggravat ta' medicina ristretta u psikotropika f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu u tali kkometta dawn ir-reati f'post li jinsab f'distanza ta' inqas minn mitt metru minn fejn jiltaqghu z-zaghazagh u bir-reat ta' assoccjazzjoni sabiex ibiegh jew jittraffika d-droga.

Illi jirrizulta mill-provi akkweziti li l-imputat kien gewwa daru nhar is-7 ta' Mejju 2001 iz-Zurrieq jiehu xi drogi kif del resto stqarr hu stess fl-istqarrija tieghu u aktar tard il-Qorti viva voce meta f'xi hin marru hdejh zewgt ihbieb li kellu u cioe' Elton Brincat u Robert Grixti. Ghall-ewwel l-imputat ghazel li ma jikkooperax mal-Prosekuzzjoni u ma jirrispondi l-ebda domanda li saritlu fl-istqarrija kif del resto kellu kull dritt li jaghmel u in segwitu ghazel li jixhed u spjega li huwa dak iz-zmien kellu problema akuta ta' abbuz ta' droga u li kien jiehu varji tipi ta' droga. Qal ukoll li llum il-gurnata ghamel programm hu huwa clean u rega' integra ruhu fis-socjeta' tant li ix-xhud tad-difiza Vicky Scicluna stqarret li l-imputat illum huwa clean u li biddel hajtu tant il qed jghin fit-trobbija ta' uliedu u ta' ulied il-partner tieghu. L-allura Assistent Kummissarju Norbert Ciappara ukoll ikkonferma li effettivament l-imputat irranga hajtu u li m'ghadux b'dan il-vizzju mishut.

Cio' nonostante pero' din il-Qorti trid tara l-fatti tal-kaz ta' kif kienu hmistax-il sena ilu. Zgur li dan id-dewmien mhux attribwibbli lilha u dan ghaliex id-dewmien sehh minhabba n-numru kbir u esagerat ta' rinviji mibghuta mill-Avukat Generali oltre l-fatt li wiehed mix-xhieda ewlenin u cioe' Elton Brincat kellu l-kaz tieghu sub judice u l-Avukat Generali nsista ghax-xhieda tieghu. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-verbal taghha tat-3 ta' Dicembru 2013

(fol. 651) fejn issottolineat illi dan ix-xhud kien ilu jintalab mill-Avukat Generali sa mid-9 ta' Settembru 2002 u kien biss fit-18 ta' Frar 2014 li l-Prosekuzzjonij resqet lil dan ix-xhud sabiex jixhed u kien dakinhar stess li ddikjarat li ma kellhiex provi ohra xi tressaq. Ghalhekk id-difiza bdiet il-kaz taghha fis-seduta ta' wara u cioe' fis-27 ta' Marzu 2014.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha donnha riedet tfisser li z-zewg xhieda pajzana li resqet il-Prosekuzzjoni u cioe' lil Elton Brincat u Robert Grixti ma qalux il-verita' u m'humiex xhieda kredibbli u ghalhekk l-akkuzi m'ghandhomx jirrizultaw provati. Pero' biex tasal li taqbel mad-difiza l-Qorti trid ma temminx lil dawn iz-zewg xhieda, li ma taghtix import lid-dokumenti u esebiti li gew migbura mir-residenza tal-imputat, ma taghtix kaz ir-rapporti teknici li gew maghmula mill-esperti nominati fl-inkjesta, ma taghtix kaz ix-xhieda tal-imputat stess u tiskarta kull evidenza ohra cirkostanzjali. Dan l-Qorti mhix propensa li taghmlu.

Illi minn dak li qalu Elton Brincat u Robert Grixti hemm hafna affarijiet li huma simili u sa certu punt kolloborati mill-imputat stess. B'mod partikolari jaqblu li kienu it-tlieta fil-flat, li Elton Brincat pogga borza sewda b'zewg sapuiet fuq il-mejda tas-salott, li flimkien hadu d-droga, li fuq il-mejda kien hemm oggetti konnessi mat-tipjip ta' droga kokajina. Illi skont ir-rapport tal-Espert Dr Mario Mifsud jirrizulta bic-car li minn ezami tal-esebiti li gew mghoddija lilu minn PS 1336 Jesmond Micallef jirrizulta li fil-fond kien hemm id-droga kokajina, u Cannabis. Dan apparti li hemm il-prova tal-pussess ta' dawn iz-zewg drogi, il-Qorti ghandha l-ammissjoni tal-imputat stess li jghid li kien qed isajjar il-kokajina, ix-xhieda ta' Robert Grixti li jghid li ra lill-imptuat isajjar il-kokajina u l-analizi xjentifika li nstabet tali droga f'purita' ta' 65%. Ghalhekk f'ammont relattivament zghir. Fir-rigward il-pussess tad-droga Cannabis u resin din tirrizulta wkoll kemm minn dak li qalu x-xhieda Brincat u Grixti kif ukoll minn

dak li qal l-imputat stess u mill-ezami xjentifiku li sar fejn Dr Mifsud qal li kien hemm madwar nofs kilo droga Resin Cannabis u cioe' 507.567 grammi ta' THC li tigi mill-pjanta tal-Cannbis u li hija sustanza kontrollata bil-ligi u cioe' bil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar is-sustanza ta' tracci ta' eroina li kien hemm fuq id-dokument AZO 206 l-imputat ma giex akkuzat u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tikkummenta.

Fir-rigward pero' il-pussess tad-droga ristretta u psikotropika din ma nstabitx fid-dar residenzjali tal-imputat u l-imputat u z-zewg xhieda Grixti u Brincat ma jghidu xejn dwarha u hadd mix-xheida ma jghid li ra lill-imputat iwaddabha fil-bitha tal-gar. Ghalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti mhix sodisfatta *beyond reasonable doubt* li din id-droga ahharija li nstabet fil-fatt hija tal-imputat ukoll u ghalhekk ghar-rigward pussess u traffikar ta' din id-droga l-Qorti tghid li ma tirrizultax.

Apparti l-akkzuza ta' pusess tad-droga Cannabis u Kokajina l-imputat gie akkuzat ukoll talli ttrafika l-istess. M'hemmx dubju li mix-xhieda tal-imputat stess u ta' Grixti u Brincat jirrizulta li kien l-imputat Joseph Camilleri li kien itihom id-droga Cannabis u dan bla hlas.

Illi pero' jirrizulta li effettivament din id-droga kienet ittiehdet kemm minn Grixti kif ukoll minn Brincat fl-istess post li kienet tigi moghtija lilhom u cioe' fir residenza tal-imputat gewwa z-Zurreiq. Hadd mix-xhieda ma qalu li kien imur ghand l-imputat sabiex jixtri d-droga u jitlaq 'l hemm biha. Izda li kienu jmorru ghandu u jiehdu d-droga flimkien. Dan hu kaz klassiku ta' *trafficking by sharing* kemm fir-rigward tad-droga Cannabis kif ukoll tad-droga Kokaija fejn Grixti jghid li f'okkazjoni minnhom l-imputat kien sajjarlu d-droga kokajina u haduha hemmhekk flimkien. Ghalhekk din l-akkuza per se ta' traffikar ma tirrizultax

pero' tirrizulta l-akkuza ta' *trafficking by sharing* kemm fir-rigward id-droga Cannabis kif ukoll ghad-droga Kokajina.

Fir-rigwad tal-akkuza ta' ppusess ta' droga f'distanza ta' inqas minn mitt metru ta' fejn jiltaqghu t-tfal din tirruzulta wkoll stante li d-dar residenza tal-imputat tinsab f'distanza ta' inqas minn mitt metru minn fejn hemm il-playground li hu post fejn jiltaqghu t-tfal.

Dwar l-akkuza ta' pussess aggravat u cioe' f cirkostanzi li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu u dan b'referenza kemm ghad-droga Cannabis kif ukoll ghad droga Kokajina jinghad li din l-akkuza tirrizulta sodisfacentement provata. Bizzejjed li din il-Qorti tara l-ammont ta' droga li nstabet ghand l-imputat u cioe' fir-rigward id-droga Cannabis skond Dr Mifsud instabet l-ammont ta' 507.567 grammi (ammont sostanzjali) waqt li fir-rigward tad-droga Kokajina instabet l-ammont ta' 8.955 grammi b'purita ta 65% - ammonti li fihom infushom jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Molto piu' meta tqis li l-valur ta' tali droga hija ta' €3,040 ghar rigward tal-Cannabis u €626 ghal kokajina skond ir-rapport ta' Dr Mario Mifsud u dan meta l-imputat kien dizokkupat u bla impieg u jghix bl-ghajuna socjali u b'dak li jircievi minghand il-kunjatu tieghu meta ghandu zewgt itfal u mara x'jiehu hsieb (fol. 530). Dwar il-valur u quantum tad droga Ectasy din il-Qorti mhi xser tghid xejn peress li tali akkuzi fil-konfront ta' din id-droga ma jirrizultawx.

Dwar ir-reat ta' assocjazzjoni jinghad is-segwenti: li persuna tkun hatja ta' dan ir-reat ta' assoccjazzjoni meta dik il-persuna "*(f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijeit ta' din l-Ordinanza, jew li jippomovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni".*

In oltre l-Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "*L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafu (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu".*

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet "**The Republic of Malta vs Steven John Caddick**' nhar is-6 ta' Marzu 2003, it-tliet elementi tal-assoċjazzjoni huma:

a) Ftehim bejn tnejn jew aktar min-nies;
b) l-intenzjoni li jsir traffikar tad-droga;
ċ) U pjan ta' azzjoni miftiehem.

Illi jinghad ukoll minn din il-Qorti li mhux relevanti jekk dak il-ftehim tpoġġiex fil-prattika. L-intenzjoni waħidha mhix biżżejjed. Jinħtieġ li l-persuni li ser jieħdu parti fl-assoċjazzjoni jkunu ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu, biex jaġixxu, u m'hemmx bżonn li huma jew xi persuni oħra għamlu xi atti oħra sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni miftiehem. Jekk barra mill-ftehim dwar it-traffikar u dwar il-pjan ta' azzjoni jkun hemm il-bidu tal-esekuzzjoni tal-azzjoni mifthema, jew jekk ir-reat ikun seħħ, il-persuni involuti jkunu jistgħu ikun akkużati kemm bl-assoċjazzjoni kif ukoll bit-tentattiv jew bir-reat komplut. Għall-finijiet tat-tentattiv jew tar-reat ikkonsmat, dawk li jieħdu parti fl-assoċjazzjoni jsiru kompliċi jew co-principals. Jinghad bla tlaqliq li l-prova tat-traffikar mhix prova tal-assoċjazzjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet '**Ir-Repubblika vs Godfrey Ellul'** gie ritenut li :

*"Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xhieda li ta waqt il-guri u tistqarr li minnhom ma jirriżultax li gew 'ikkumbinati jew miftehma mezzi' li bihom l-apppellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jittraffikaw medicina perikoluża."*

Fuq din il-materja ssir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Rida Salem Suleiman Shoaib *omissis'*** deciza nhar il-15 ta' Jannar 2005 fejn intqal li l-appellant f'din is-sentenza kellha ragun meta qalet li r-reat ta' assoccjazioni ma jezistix f'din il-kawza. F'din is-sentenza gie ritenut li l-gurati ma kellhomx indirizz tajjeb mhux mill-Imhallef izda mill-argumenti imposti mill-prosekutur li jekk il-gurati isibu lill-akkuzat hati ta' pusess f'cirkostanzi misterjuzi, allura l-akkuzat ghandu jinsab hati tar-reat ta' assocjazioni. L-imhallef qal is-segwenti:

*"U qalilkom il-prosekutur, isma', jien hawnhekk m'ghandix ghalfejn ingib kopja tal-kuntratt, ghax dawn l-affarijiet ma jsirux bil-kuntratt, din hawn isiru by word of mouth, u bl-akbar segretezza w dan ukoll. U li inthom tridu tipprezumu dan il-ftehim mic-cirkostanzi. U qalilkom, mela issa ara x'taghmlu, araw issibuhomx hatja taht it-tieni kap, jigifieri ta' dak il-pussess ta' dawk l-affarijiet dawk is-sapuniet kollha, u jekk issibhom hatja taht it-tieni kap allura bilfors kienu ftehmu dawn. Ghax jekk it-tnejn kienu jafu b'dawk l-affarijiet li kienu taghhom, qed jargumenta [ilprosekutur], mela allura bilfors li kienu ftehmu dawn [ghax] l-affarijiet ma jaqghux mis-sema, ma jigux dsatax-il sapuna jiswew taht l-ghaxart elef lira, jillandjaw hemmhekk…"Imma dan kollu jrid jippruvah, u mhux b'dan il-mod, mhux ighidlek, ara kif ser issibu hati fit-tieni kap, u jekk issibu hati fit-tieni kap, il-logika hekk tghidlek. [Imma] hawnhekk kultant ma nimxux bil-logika; hawnhekk ghandna li kull kap tal-att tal-akkuza irid jirrizulta on its own two feet. U mhux issib htija tal-one ghax sibt htija tat-two, mhux dak il-metodu…"*

F'din il-kawza l-Imhallef insista li indipendentement mill-htija ta' kull ko-akkuzat rigward l-akkuza ta' pussess ta' droga l-gurati kellhom jaraw jekk kienx hemm evidenza ta' xi ftehim ex-admisses jghid *(u ftehim li jkun ghall-anqas wasal ghalhiex ikunu "kkumbinati jew miftehma l-mezzi… li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu").* Dan wara kollox hu l-bazi tar-reat ta' assocjazioni. Insista lejn il-gurati li:

*"Tridu taghmlu d-domanda ghal kull wiehed minnhom. Ghandi l-prova li dan kien involut f'xi ftehim ma' xi haddiehor? Ghandi l-prova li t-tieni wiehed kien involut f'xi ftehim ma' xi haddiehor? Hu min hu dak ix-xi hadd iehor. Jista' jkun ko-akkuzat u jista' jkun barrani, jigifieri estranju ghal dawn il-proceduri. Ikun perikoluz, ikun hazin u ma tistghux taghmluh illi ssibu htija ta' l-ewwel kap biss jekk –ghall-grazzja tal-argument qed nghid biss ghalissa – issibu htija tat-tieni kap kif inhu. Ma tistghux tuzaw dak il-kriterju biex issibu htija ta' l-ewwel kap, jekk tkunu sibtu htija tat-tieni kap. Tridu zzomuhom separati u distinti, u kull kap has to stand on its own two feet. Ma jistax jissellef il-provi minn xi kap iehor. Ghal lanqas dik hi d-direttiva li qed intikom, biex dan il-kaz jekk is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni, tappella kemm tappella ghalik, u taghmel sens mil-laboratorju logiku kemm tista' taghmel sens, illi ma nuzawx dak il-kriterju hawnhekk f'din l-Awla. Ma tistghux issibu htija fuq l-ewwel kap ghax tkunu sibtu biss htija fuq it-tieni kap. Jekk ghandkom mill-provi johorgu xi cirkustanzi, diretti jew indiretti, xi xhieda li jippruvaw li kien hemm dan it-tip ta' ftehim, ghal kull wiehed minnhom, separatament minn xulxin, biex tigi ttraffikata d-droga, allura l-akkuza tkun tirrizulta. Pero`jekk ma hemmx dawn il-provi, ma tistax tasal ghall-htija ta' l-ewwel kap ghax tkun sibt il-htija fit-tieni kap. U mhux qed nghidilkom tridu ssibu htija fit-tieni kap, ta! Dan ghall-grazzja ta' l-argument qed nghidu, biex ma tifhmunix hazin u xi hadd joqghod inizzel li qed nghid xi haga li mhux suppost."*

Ghalhekk fid-dawl tas-suespsot fin-nuqqas ta' ftehim din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tar-reat ta' assocjazzjoni bi ksur tal-Artikolu 22 (1)(F) , 22(1)(A) u 22 (1)(B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' GN 292/39, Regolament 4 tar-Regoli ta' 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi GN 292/39 kif sussegwentement emendati bil-Kapitolu 101, l-Artikoli 8(a), 22 (1A), 22 (1B) u 22 (1F) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li llum saret 40(A)) u 89 (A) (li illum saret 120 (A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsm maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, u tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH CAMILLERI hati tal-akkzuzi ta' pussess tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u kokajina u dan f'cirkostanzi meta ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u hati tal-akkuza ta' *trafficking by sharing* tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u kokajina u hati tal-akkuza li kellu tali tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u kokajina f'distanza ta' inqas minn mitt metro ta' post fejn jiltaqghu z-zghazagh u ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Dwar il-piena l-Qorti hija konxja tal-fatt li llum il-gurnata l-imputat biddel hajtu u m'ghadx ghandu il-vizju mishut tad-roga pero' ma tistax ma taghtix kaz is-serjeta' tal-akkuzi odjerni li dwarhom l-imputat instab hati u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi qed tikkundannah piena karcerarja effettiva ta' tmintax-il xahar. Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' elf ewro (€1,000) liema multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll lill-imputat ihallas l-ispejjez konessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu hsieb il-gbir ta' tali spejjez. Tali spejjez jinkludu l-ammonti ta' Lm37.08 tal-Perit Richard Aquilina a fol. 111 tergo (eqwivalenti ghal €86.37), Lm102.75 tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol 164 tergo (eqwivalenti ghal €239.34), Lm 23.25 ta' PC 1336 Jesmond Micallef a fol 457 (eqwivalenti ghal €54.16), Lm 155.88 ta' PS1261 Charles Pace (eqwivalenti ghal €363.10), €457 ta' l-Espert Ivan Portelli a fol. 487, €643.61 ta' l-Espert AIC Jesmond Mugliett a fol 547 tergo, u €375 tal-Espert Dr Mark Xuereb. Ghalhekk l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti jammontaw ghal elfejn, mitejn u tmintax-il ewro u disa' u hamsin centezmu (€2,218.59).**

**Tordna ukoll konfiska tal-oggetti kollha li gew esebiti f'din il-kawza a favur il-Gvern ta' Malta u tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur tal-Qrati Kriminali li ghandu jirrediegi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**